**KUMITAT TAR-REGJUN CENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 26

Il-Gimgha, 22 ta' Gunju, 2012

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida.

Il-President, Dr. Malcolm Mifsud ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-President Dr. Malcolm Mifsud, is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, is-Sinj. Annhelica Agius, Vici Sindku Tal-Pieta`, is-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, Is-Sur Horace Anastasi, Sindku Sta. Venera, is-Sur Etienne Bonello Dupuis, Sindku San Gwann, is-Sinj. Antoinette Vassallo, Sindku Ta' Xbiex.

Is-Sur Stefan Cordina, Sindku H'Attard informa li ma setghax jattendi u ghalhekk gie skuzat.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 25 li saret nhar l-Erbgha, 30 ta' Mejju, 2012, kienu approvati wara li fl-ewwel pagna taht "Prezenti", flok il-kliem "Is-Sur Christian Paul Bonnett" jidhol il-kliem "is-Sur Roberto Cristiano"

**LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM**

L-A. Segretarju Ezekuttiv ipprezenta rapport dwar il-multi li nhargu mir-Regjun bejn l-1 ta' Settembru 2011 u l-31 ta' Dicembru 2011 u x'ghadu pendenti sa llum minn dawn il-multi (Appendici A).

Minhabba li l-ammont ta' multi li ghad iridu jithallsu huwa wiehed konsiderevoli, il-President ippropona li l-Avukat li jaghmel il-Prosekuzzjoni fit-Tribunal ghandu jaghmel ukoll is-servizz ta' *debt collection* kif ukoll servizz ta' avukat f'materji ohra li jkollu r-Regjun.

Is-Sur Horace Anastasi staqsa jekk ir-Regjun ghandux flus biex l-Avukat ikun jista' jaghmel dawn is-servizzi addizzjonali.

Il-President wiegeb li meta tinhareg is-sejha, barra l-*fee* tas-servizz fis-sena, ghandha tittiehed inkonsiderazzjoni wkoll il-*performance* tieghu fuq gbir ta' multi pendenti, liema *performance* ghandu jkun marbut biha. Huwa qal li kien se jhejji proposta ghad-diskussjoni ghas-seduta li jmiss.

**KORRISPONDENZA**

- Ir-Regjun ircieva kopja tal-kuntratt il-gdid bejn ir-Regjun u d-Datatrak sabiex dan jigi ffirmat. Dan il-kuntratt diga gie negozjat u approvat kemm mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil bejn il-membri li qabel dan il-kuntratt jigi ffirmat, kull membru ghandu jkollu kopja tieghu. Ghalhekk se titqassam *soft copy* tal-kuntratt lil kulhadd qabel dan jigi ffirmat.

- Il-Kumitat iricieva ittra dwar il-kiri ta' *garage* f'Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, liema *garage* jinkera mir-Regjun biex jitqieghdu d-dokumenti. Il-kiri ta' dan il-*garage* skada fl-ahhar t'April 2012 u r-Regjun irid jiddeciedi jgeddidx dan ghal sena ohra bir-rata ta' €1,900 fis-sena jew le. Ir-Regjun qabel unanimament li jsir it-tigdid ghal sena u awtorizza lill-President u lill-A. Segretarju Ezekuttiv sabiex igeddu l-kuntratt;

**MISTOQSIJIET**

- Is-Sur Etienne Bonello Dupuis staqsa x'inhi l-procedura biex jizdiedu il-cctv's jew green wardens fil-lokalita` ta' San Gwann minhabba li qed ikun hemm diversi abbuzi dwar l-iskart.

  Il-President wiegeb li jekk il-lokalita` ta' San Gwann trid izzid aktar green wardens jew cctv's dawn iridu jithallsu mil-lokalita` u dan kif qed isir bhalissa mill-Kunsill ta' Tas-Sliema. Madankollu l-multi dejjem imorru ghand ir-Regjun minhabba li d-delega tal-Local Enforcement System qieghdha ghand ir-Regjun.

- Is-Sur Horace Anastasi staqsa ghaliex il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera kien qed jircievi kontijiet minghand is-Sur John O'Dea. Huwa qal li l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera ma kienx ser ihallas dawn il-kontijiet.

  Il-President wiegeb li dawn huma kontijiet ghal xi servizz li s-Sur O'Dea jaghti lill-Kumitat Kongunt dwar il-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq u li mhix materja tar-Regjun.

## KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

***Fondi ta' l-EU***

Il-President qal li hemm diversi opportunitajiet ta' fondi mill-EU li r-Regjun ghadu ma sfruttax. Bhalissa qed jigi ppreparat il-budget 2014-2020 b'koncentrazzjoni fuq il-*cohesion funds*. Huwa qal li r-Regjun ghandu jesplora l-possibiltajiet kollha sabiex japplika ghal dawn il-fondi.

## APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

Il-Presidentr, ssekondat mis-Sur Joe Camilleri, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 26 Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.* hlief ghall-pagamenti b'nru. ta' riferenza 2,3,4,5,6,7,8,9 u 12 u li huma kontijiet ta' Guard and Warden Service House u Datatrak fejn kien hemm astensjoni dwarhom mis-Sur Etienne Bonello Dupuis.

**TMIEM**

Fit-3.00pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
A.Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Dr. Malcolm Mifsud
President